# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025.**

**Numru: 10**

**Rikors numru: 45/2023/1 AB**

**Western Company Limited (C 19994)**

**v.**

**Spiridione Muscat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Spiridione Muscat kontra sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar is-26 ta' Settembru, 2024, li permezz tagħha ċaħdet it-talbiet attriċi għal talba ta' ritrattazzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Settembru, 2022 imsejsa fuq is-**subinċiż (b) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-13 ta' Jannar, 2023, Spiridione Muscat fisser li permezz tas-sentenza maqtugħa nhar id-29 ta' Settembru, 2022 fl-ismijiet ***Western Company Limited v. Spiridione Muscat*** (Rik. Nru: 101/2022FDP), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkundannatu jħallas lill-kumpanija Western Company Limited is-somma ta' €127,291.51, bl-ispejjeż kontrih.

3. Jgħid li dawk il-proċeduri u s-sentenza saru mingħajr għarfien tiegħu u jgħid ukoll li huwa sar jaf bihom biss b'sempliċi kumbinazzjoni nhar is-16 ta' Novembru, 2022 waqt li kien qiegħed ifittex sentenza oħra mogħtija nhar l-1 ta' Settembru, 2020.

4. Jissokta jgħid li kif jirriżulta mill-atti proċesswali, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nżammet seduta waħda fit-28 ta' Settembru, 2022 fejn l-għada l-Qorti tat id-deċiżjoni tagħha, f'liema deċiżjoni tgħid li *«l-intimat, debitament notifikat fil-31 ta' Mejju, 2022, naqas milli jidher il-Qorti sabiex jirrispondi għal dak mitlub.»* Jgħid li mill-atti proċesswali jirriżulta li din l-allegata notifika tiegħu saret ġewwa l-binja tal-Qorti nhar il-31 ta' Mejju, 2022.

5. Muscat jgħid li l-kumpanija ritrattata għażlet li tipprova tinnotifikah mhux skont il-proċedura skont il-liġi, u ċjoè wara l-eżitu negattiv ta' notifika permezz ta' notifika wara l-ħin legali, affissjoni u pubblikazzjoni. Minflok, il-kumpanija ritrattata għażlet li tinnotifikah fil-binja tal-qorti daqslikieku dan kien il-post tax-xogħol tiegħu li ċertament mhux. B'żieda ma' dan, jgħid li li għalkemm jidher li hemm riferta pożittiva datata nhar il-31 ta' Mejju, 2022 mhux minnu li l-Marixxall Carmel Gauci nnotifikah ġewwa l-binja tal-qorti.

6. Ir-ritrattand jisħaq li din hija imġiba abbużiva u qarrieqa min-naħa tal-kumpanija Western Company Limited, speċjalment meta wieħed jikkunsidra s-sensiela ta' attakki ġudizzjarji kontinwi li saru fil-konfront tiegħu mill-istess kumpanija. Jgħid li huwa kellu u għad għandu numru ta' kawżi pendenti ġewwa l-Qrati tagħna kontra l-istess kumpanija u li għalihom huwa dejjem ippreżenta risposta. Għalhekk jisħaq li huwa ma kienx se jaqa' kontumaċi b'mod daqshekk sfaċċat meta huwa qiegħed jikkontesta bis-saħħa kull attakk ġudizzjarju mill-istess kumpanija li huwa jaffaċċja.

7. Jgħid li n-nuqqas ta' tħaris u twettiq tal-ħtiġijiet proċedurali mandatorji jwassal għall-irregolarità u bħala konsegwenza huwa ma ngħatax l-opportunità li jiddefendi l-kawża, u b'hekk isostni li teżisti raġuni suffiċjenti sabiex tintalab ir-ritrattazzjoni taħt l-**Artikolu 811(b) tal-Kodiċi**

**ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Għaldaqstant talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex: (i) tiddikjara u tiddeċiedi li jeżistu raġunijiet biżżejjed għal ritrattazzjoni skont il-liġi abbażi tal-**Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (ii) tħassar u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Settembru, 2022 fl-ismijiet ***Western Company Limited v. Spiridione Muscat***; u (iii) tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża msemmija biex b'hekk huwa jkun jista' jħares id-drittijiet tiegħu skont il-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-kumpanija attriċi.

8. Il-kumpanija Western Company Limited ressqet ir-risposta maħlufa tagħha fid-9 ta' Frar, 2023 u eċċepiet li: (i) l-azzjoni hija perenta bid-dekors ta' tliet xhur; u (ii) li n-notifika saret validament skont dak li jiddisponi l-**Artikolu 187(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** liema artikolu jistabbilixxi li n-notifika tista' ssir *«...kull fejn dik il-persuna tista' tinstab.»* In-notifika saret fejn kien jinsab ir-ritrattand dakinhar.

9. Permezz tas-sentenza tas-26 ta' Settembru, 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpanija ritrattata, laqgħet it-tieni eċċezzjoni u b'hekk ċaħdet it-talbiet attriċi.

10. Ir-raġunijiet relevanti għall-azzjoni tal-lum li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

*«Ikkunsidrat*

*13. Il-proċedura ta' ritrattazzjoni għandha żewġ għanijiet, fl-ewwel lok dik li tħassar għalkollox u mhux biss parzjalment*[1] *sentenza li tkun saret ġudikat bejn il-partijiet u dan għal xi waħda mir-raġunijiet speċifiċi u tassattivi imsemmija mil-liġi fl-artikolu 811 tal-Kapitolu 12; u fit-tieni lok, dik li terġa' tinstema' l-kawża li s-sentenza tagħha tkun tħassret, u li tingħata sentenza oħra mill-ġdid.*[2]

*14. F'dan il-kuntest, huwa relevanti dak ribadit fis-sentenza* ***Joseph Pace v. Makaw Limited*** *(187/2001/1) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-20 ta' Frar 2003, fejn ingħad:*

> *Illi b'żieda ma' dak li ingħad iżjed "il fuq dwar in-natura eċċezzjonali tal-proċedura tar-ritrattazzjoni, irid jingħad ukoll li l-prova tar-raġuni li għaliha parti titlob li kawża tiġi mismugħa mill-ġdid trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-qorti li tqis li t-talba hija mistħoqqa.*[3]

*15. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April 2006, u l-Qorti tal-Appell fil-każ 187/2001/1* ***Joseph Pace v. Macaw Limited****, irriteniet is-segwenti:*

> *Isegwi li l-prova li trid issir mill-parti li tkun qiegħda titlob tali rimedju trid tkun mhux biss ċara, iżda wkoll inekwivoka b'tali mod li ma tħalli ebda dubju f'moħħ il-ġudikant li jkun qiegħed jippresjedi il-qorti li tkun adita tali talba, l-inġustizzja li qed tiġi reklamata ma tistax titranġa jekk mhux bir-rimedju estrem ta' ritrattazzjoni.*

*16. Fil-vertenza in eżami, ir-ritrattand Spiridione Muscat qed isostni li ma ġiex notifikat bil-każ deċiż numru 101/2022 fl-ismijiet '****Western Company Limitied v. Spiridione Muscat****. L-ilment ta' Spiridione Muscat jikkonċerna l-fatt li ġie notifikat fil-bini tal-qorti, u mhux fl-indirizz tiegħu, għalhekk qed jiċħad kategorikament li n-notifika saret. Il-punt prinċipali ta' kontestazzjoni, li joħroġ anki mit-trattazzjoni huwa, li qed jiġi argumentat li l-qorti mhix il-post fejn kellha ssir in-notifika. Għaldaqstant, Spiridione Muscat qed isostni li ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu li jwieġeb f'dak il-każ.*

*17. Min-naħa l-oħra, fit-trattazzjoni l-avukat difensur tas-soċjetà Western Company Limited issottometta, li n-notifika saret bil-mod kif tirrikjedi l-liġi għaliex huwa ġie notifikat personalment meta kien fil-bini tal-qorti, u fil-fatt ġie nnotifikat barra l-awla tal-qorti, meta kien qed jistenna proċeduri oħra. Inoltre, ġie sostnut ukoll, li ma kien hemm xejn irregolari dwar dan, u hemm ir-riferta tal-marixxal, u hemm ukoll il-konferma tar-referta bil-*

---

[1] *Ara Appell Ċivili* ***Kontollur tad-Dwana v. Michael Zammit et*** *deċiża fil-5 ta' Ġunju 1985.*
[2] *Ara Appell Ċivili* ***Wismayer v. Wismayer et*** *(****Kollez. Vol.XXIX.i.795****)*
[3] *Ara* ***Aquilina v. Ciantar*** *deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis- 27 ta' April 1992 (****Kollez. Vol.LXXVI.iv.666****).*

*ġurament tiegħu. F'dan ir-rigward, fit-trattazzjoni saret referenza għas-sentenza* ***Tony Vella v. David Pace*** *1021/18GM deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar 2024, fejn ġie deċiż li r-riferta ta' Marixxall huwa dokument uffiċjali, li ifisser, li għandu jingħata fidi lill-uffiċjali ġudizzjarji, f'dak li għandu x'jaqsam ma' twettiq ta' xogħolhom.*

*18. L-***artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta** *jgħid:*

> *In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lil persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem, jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja, jew tad-dar jew f' idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizzazzjoni ijiet oħra fil-qorti, u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'hinijiet differenti tal-ġurnata bl-aħħar tentattiv ta' notifika ssir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. Kull tentattiv ta' notifika għandu jsir wara li titħallas id-dritt xieraq dovut lir-reġistru. L-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jirreġistra ċertifikat separat ta' notifika fl-atti ġudizzjarji għal kull tentattiv li jkun sar.*

*19. Illi fil-każ* ***Alison Grech v. Karl Joseph Grech*** *(1354/2002) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju 2003, saret referenza għall-kawża* ***Albert Mizzi noe v. Id-direttur tax-Xogħlijiet*** *deċiża mill-Prim' Awla fid-19 ta' Frar 1990 (***Vol. VLXXIV.iii.451***) fejn ġie sostnut li l-***artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12** *għandu jinftiehem fis-sens illi jekk il-konsenja tal-kopja tal-att ssir lil waħda mill-persuni indikati mil-liġi, għandu jiġi preżunt għall-finijiet tan-notifika, illi hija waslet għand id-destinatarju.*

*20. Din il-qorti għalhekk, trid tistħarreġ in-notifika tal-att promotur fil-każ numru 101/2022 saritx fit-termini ta' dak stipulat fil-***Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili***. Illi jrid jiġi konklussivament ippruvat jekk in-notifika saritx validament u leġittimament.*

*21. Għaldaqstant, il-punt li jrid jiġi analizzat f'dan il-każ huwa li jekk dak li qed isostni Spiridione Muscat li ma ġiex notifikat bl-atti tal-każ huwiex ippruvat biżżejjed biex imeri dak imsemmi fir-riferta tal-Marixxal tal-Qorti, fil-każ inkwistjoni. Dan qed jingħad għaliex sakemm riferta ta' uffiċjal tal-qorti ma tidhirx b'mod ċar li hija milquta b'xi żball, għandha titqies li hija xhieda ta' dak li tgħid u li din il-preżunzjoni hija iuris et de iure.*[4]

*22. Fl-affidavit tiegħu Spiridione Muscat,*[5] *jgħid li ma kienx jaf bil-kawża 101/2022FDP* ***Western Company Limited v. Spiridione Muscat****, deċiża fid-29 ta' Settembru 2022, għaliex isostni li kien minnu, li ġie notifikat b'xi karti l-qorti kien imur dak il-ħin stess għand l-avukat tiegħu. Fl-affidavit tiegħu, jkompli jsostni hi mhuwiex minnu li ġie notifikat fil-qorti, u li kieku*

[4] *Ara* **Joseph Pace v. Makaw Limited** *deċiża mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fl-20 ta' Frar 2003, diġà supra ċitata.*
[5] *Fol. 15*

*stess ġie notifikat hemmhekk il-qorti ma huwiex il-post tax-xogħol tiegħu u ma rċieva ebda dokumenti mkien.*

*23. Madanakollu, il-Marixxal Carmel Gauci fix-xhieda tiegħu tat-22 ta' Ġunju 2023,*[6] *spjega u ikkonferma li fil-31 ta' Mejju 2022, Spiridione Muscat kellu seduta quddiem l-Imħallef li jaħdem miegħu Neville Camilleri, u kienu tawh il-folder bl-avviż tas-smigħ u rikors u notifika lil Spiridione Muscat dakinhar tal-31 ta' Mejju 2022, u għandu kopja tar-referta li huwa esebiha bħala Dok CG1 fol 36 tal-proċess.*

*24. Hawnhekk huwa relevanti, dak ribadit fejn każ* ***Joseph Pace v. Makaw Limited*** *imsemmi iżjed 'il fuq, iżda din id-darba fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fejn ingħad:*

> *Għandu jingħad qabel xejn, li għall-fini ta notifika ta' att tal-qorti lill-persuna fiżika huwa assolutament immaterjali u ta' ebda relevanza fejn tkun ir-residenza uffiċjali ta' dak li jkun. I nfatti, notifika ta' att uffiċjali tista' ssir f'idejn il-parti interessata b'kull lok fejn dan tal-volta jkun jinstab, u r-residenza uffiċjali għandha biss relevanza in kwantu l-uffiċjal inkarigat min-notifika jista' jħalli l-att f'idejn membru tal-familja tal-istess persuna li għandha tirċievi l-istess att, li mhux il-każ sotto eżami.*

*25. Fil-każ in eżami, jirriżulta mix-xhieda tal-Marixxal Carmel Gauci, u mid-dokument esebit fol 36, li n-notifika lil Spiridione Muscat, saret fil-bini tal-qorti. Għalhekk, dan id-dokument esibit fol 36, għandu piż qawwi. Ix-xiehda tal-Marixxall Carmel Gauci, li kien inkarigat bin-notifika u esebixxa dokument fol 36, turi li fil-fatt Spiridione Muscat ġie nnotifikat dakinhar tal-31 ta' Mejju 2022, fil-bini tal-qorti. Spiridione Grech ma rnexxilux ixejjen din ix-xhieda u l-preżunzjoni li tali referta toħloq.*

*26. Għaldaqstant, din il-qorti tqis li it-talba għal ritrattazzjoni ma tistax tiġi akkolta.»*

11. Spiridione Muscat ressaq appell minn din is-sentenza b'rikors tal-25 ta' Ottubru, 2024, b'aggravju waħdieni.

12. Il-kumpanija appellata ressqet tweġiba fis-27 ta' Novembru, 2024 fejn tat ir-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

---

[6] *Fol*. 34

13. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Permezz tal-aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed jilmenta li l-Ewwel Qorti ma xtarritx u ma ħadmitx tajjeb il-ħtiġijiet imniżżla fl-**Artikolu 187(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** b'tali mod li waslet għall-konklużjoni l-ħażina li n-notifika tiegħu fil-proċeduri li ġew deċiżi fid-29 ta' Settembru, 2022 saret skont il-liġi.

15. L-appellant jgħid li l-azzjoni tal-lum tiegħu hija msejsa fuq l-**Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, liema artikolu biex ikun sodisfatt jeħtieġ li jirriżultaw żewġ elementi, ċjoè: (i) li l-parti telliefa ma tkunx ġiet notifikata bl-att; u (ii) li għalkemm mhux notifikata ma tkunx ukoll dehret għas-smigħ tal-kawża.

16. Jissokta jgħid li jirriżulta mill-atti tal-kawża li ġġib rikors numru 101/2022 (liema kawża qiegħed jittanta jikseb it-tħassir tagħha), li r-rikors maħluf tressaq fit-8 ta' Frar, 2022. Saru żewġ tentattivi fit-28 ta' Frar, 2022 u fit-18 ta' Marzu, 2022 li rriżultaw fin-negattiv. It-tielet tentattiv li sar fid-9

ta' Mejju, 2022 wara l-ħinijiet legali wkoll kien negattiv. Ifisser li fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2024, il-Qorti awtorizzat lill-kumpanija appellata sabiex tinnotifikah wara l-ħinijiet legali u f'każ ta' eżitu negattiv bil-pubblikazzjoni u affissjoni.

17. L-appellant jgħid li fil-31 ta' Mejju, 2022 huwa ġie allegatament notifikat fil-bini tal-qorti waqt li kien qiegħed preżenti għal kawża oħra. Jirriżulta li fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 2022 ġie vverbalizzat li Spiridione Muscat ġie notifikat u għaldaqstant il-kawża ġiet deċiża. Madankollu jgħid li skont l-**Artikolu 187(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa ċar li l-marixxall huwa awtorizzat permezz tal-istess artikolu tal-liġi li jwettaq tliet tentattivi lill-persuna konċernata. Jekk l-ewwel tentattiv jkun għalxejn, huwa għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra f'ħinijiet differenti biex jinnotifika l-att mingħajr ebda awtorizzazzjonijiet oħra mill-Qorti. Jargumenta li ġaladarba l-aħħar tentattiv kien wara l-ħin legali u l-Qorti kienet awtorizzat li n-notifika ssir permezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, in-notifika kellha ssir permezz ta' dik il-proċedura u mhux kif saret billi l-marixxall għar-raba' darba għamel tentattiv li jinnotifikah personalment. Jgħid li dan mhux maħsub mill-**Artikolu 187(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

18. Mod ieħor, l-appellant qiegħed isostni li ġaladarba kienu saru tliet

tentattivi li rriżultaw fin-negattiv, u l-kumpanija appellata kienet awtorizzata li tinnotifikah bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, hija bilfors kellha tinnotifikah b'dan il-mod indirett u ma setgħetx tipprova tinnotifikah personalment. Għalhekk skont l-appellant huwa ma ġiex notifikat skont il-liġi u jisħaq li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra li l-liġi tal-proċedura għandha tiġi mħarsa *ad litteram*, fejn m'hemmx lok għall-interpretazzjoni soġġettiva ta' kif għandha ssir in-notifika mill-marixxalli rispettivi lill-partijiet ikkonċernati.

19. Jissokta jgħid li ġaladarba huwa bħala tellief fil-proċeduri li ġew deċiżi bis-sentenza tad-29 ta' Settembru, 2022, la ġie notifikat u lanqas deher fis-smigħ tal-kawża, jissussistu l-elementi tal-**Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

20. Induru issa għall-istħarriġ tal-aggravju. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha ntalbet ir-ritrattazzjoni minn sentenza tal-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

21. Dan l-istitut huwa msejjes fuq il-prinċipju, li kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u kisbet l-istat ta' ġudikat m'għandhiex titwaqqa' malajr, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' dik is-sentenza jkunu jmorru

kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara ***Marc Aquilina et v. Giuseppi Aquilina et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Ġunju, 2024).

22. Huwa għalhekk magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li r-rimedju ta' ritrattazzjoni jista' jingħata biss f'dawk iċ-ċirkostanzi li taħseb għalihom il-liġi, li f'kull każ għandhom jingħataw tifsira dejqa, mingħajr l-ebda tiġbid jew analoġija (ara ***Michele Peresso Limited et v. Upim S.r.l.*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru, 2024).

23. Il-proċess tas-smigħ u t-trattazzjoni mill-ġdid ta' kawża deċiża fih żewġ fażijiet: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (*in rescindendo*); imbagħad, jekk din ir-raġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-sentenza li tkun twaqqgħet (*in rescissorio*) (ara ***Paul Pisani et v. Emmanuel Custò***, Appell Superjuri tat-2 ta' Marzu, 2007). Dawn iż-żewġ fażijiet ma jistgħux jiġu deċiżi f'daqqa b'sentenza waħda, iżda għandhom jiġu deċiżi b'mod mifrud għaliex inkella jistgħu jqumu kwistjonijiet ta' ksur ta' smigħ xieraq (ara ***St. George's Park Company Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu, 2014).

24. Kif rajna fil-każ tal-lum, ir-raġuni waħdanija msemmija minn Spiridione Muscat għaliex skontu s-sentenza tad-29 ta' Settembru, 2022 jmissha titħassar, tinsab imsejsa fuq l-**Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċvili**. Kif joħroġ minn dan l-artikolu tal-liġi jirriżulta li huma tnejn il-ħwejjeġ li jridu jintwerew sabiex tista' tintlaqa' talba għar-ritrattazzjoni fuq din il-kawżali. Dawn huma: (i) li r-rikors maħluf ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa; u (ii) li dik il-parti telliefa ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża (ara ***Francis sive Frank Fenech v. Raymond Mallia nomine*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April, 2003 u ***Joseph Caruana Curran v. Victoria Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 2003).

25. Fil-każ tal-lum, m'hemmx kwistjoni bejn il-partijiet li Spiridione Muscat ħareġ tellief mis-sentenza tad-29 ta' Settembru, 2022 u li matul il-proċeduri huwa ma deher qatt fis-smigħ tal-kawża. It-tilwima bejn il-partijiet hija dwar is-siwi tan-notifika tiegħu.

26. F'dan l-istadju din il-Qorti tinnota li l-istess Spiridione Muscat filli donnu jgħid li r-riferta ma tgħidx is-sewwa għaliex mhux minnu li ġie notifikat, filli jingħad minnu mod ieħor u jinsisti li l-mod kif ġie notifikat ma kienx skont il-liġi. Imwarrab dan, din il-Qorti se tgħaddi biex tistħarreġ l-argumenti mressqa mill-appellant billi qabelxejn tirreferi għall-istess **Artikolu 187(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jirregola kif għandha ssir in-notifika tal-atti skont il-liġi.

27. Il-Qorti tqis li jkun xieraq billi tibda biex tfakkar dak li ilu jiġi mgħallem għal snin twal, sewwasew li d-dispożizzjonijiet tal-proċedura

għandhom jiġu *«osservati alla lettera e non per equipollens»* (**Kollez. Vol. XVII P I, paġna 879**). Huwa mifhum li dan il-prinċipju għandu jiġi applikat b'aktar qawwa fil-każ tan-notifika ta' atti li bihom jinbdew il-kawżi, u dan għaliex l-għan wara n-notifika ta' atti bħal dawk huwa li l-parti mħarrka tkun taf bl-azzjoni li nbdiet kontriha u biex, jekk ma tkunx taqbel mal-pretensjonijiet tal-parti attriċi, tkun tista' tiddefendi ruħha bil-mod ta' kif tippermetti l-liġi (Appell Ċivili (Inf.) PS 30.1.2009 fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Chetcuti v. Hafida Mimi***). Dan jgħodd aktar u aktar f'kawżi li fihom ikun hemm talba sabiex il-Qorti tgħaddi għall-ġudizzju bid-dispensa tas-smigħ skont l-**Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li fih innifsu jitlob ukoll lill-Qorti biex timxi mal-proċedura mfassla fil-liġi u dan *'ad unguem'* (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta' Jannar, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Snoussi v. Carmel Grixti;*** u dik tal-11 ta' Marzu, 2025 fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Fenech v. Emanuel sive Leli Fenech et***).

28. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li l-proċedura dwar in-notifika ta' atti ġudizzjarji hija regolata bid-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u allura s-siwi tan-notifika jista' jiġi żgurat biss jekk issir bil-mod kif mitlub fil-liġi (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ġunju, 2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Tonna v. Holland u Hallett Limited***). Tabilħaqq, ingħad kemm-il darba minn din il-Qorti, li f'materja teknika bħalma hija s-siwi tan-notifika, il-Qorti għandha tħares bir-reqqa lejn dak li tgħid il-liġi dwar il-proċedura preskritta tan-

notifiki (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Marzu, 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance p.l.c. v. Francis Chetcuti et***; u dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Ġunju, 2013 fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Pace v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***). Fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta, huwa għalhekk meħtieġ li l-Qorti tiżgura li tifli sewwa s-siwi tan-notifika, għaliex fin-nuqqas ta' tħaris tal-proċedura mitluba mil-liġi, il-preġudizzju li ġġarrab il-parti milquta jkun wieħed illi jħalli konsegwenzi serji fuq is-sehem tagħha fil-kawża u jmiss mal-qalba tal-prinċipju fondamentali tas-smigħ xieraq (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta' Jannar, 2001, fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Hugh Peralta noe v Unispeed Shipping & Forwarding Limited***; u dik tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Novembru, 2023 fl-ismijiet ***Mark Anthony Portelli v. Norman Zammit***).

29. Kemm hu hekk, fejn jirriżulta li konvenut ma jkunx ġie notifikat bl-avviż tas-smigħ u bir-rikors maħluf tal-kawża, u l-kawża tiġi deċiża, nuqqas bħal dan iwassal għan-nullità tas-sentenza appellata (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tal-15 ta' Jannar, 2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Marsovin (Sales & Distribution) Ltd v. Vince Bellizzi***; tal-Qorti tal-Appell maqtugħa fit-30 ta' Ġunju, 2021 fl-ismijiet ***Ahmed Ibro Muhiddin v. Greenlines Environmental Services Limited et***; u dik tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Novembru, 2023 fl-ismijiet ***Mark Anthony Portelli v. Norman Zammit***).

30. Fi kwistjoni teknika bħalma hija n-notifika tal-atti, jeħtieġ li dak il-pass fit-tmexxija ta' kawża jitwettaq kif imiss u skont ma titlob il-liġi. Nuqqas bħal dan tant huwa ta' gravità tali li l-liġi proċedurali nnifisha tagħtih bħala waħda mir-raġunijiet li bih sentenza tista' titħassar u l-kawża tinstema' mill-ġdid (ara **Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***G.g.d. Properties Limited v. JD Lifts Supplies Limited*** maqtugħa fl-14 ta' Jannar, 2013), proprju kif qiegħed jipprova jagħmel l-appellant.

31. Issa, l-**Artikolu 187(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi żewġ metodi ta' notifika lill-persuna fiżika: dik <u>diretta</u> lid-destinatarju u dik <u>indiretta</u> permezz tal-persuni indikati fl-istess provvediment tal-liġi (ara ***D.D.E. Attard Limited v. John Saliba nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017 u ***Joseph Cassar Aveta v. Citadel Insurance plc*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2007).

32. Fil-każ tan-notifika diretta, din tista' ssir billi kopja tal-att ġudizzjarju titħalla fiżikament mal-persuna li għandha tkun notifikata. In-notifika diretta ma hemmx bżonn li ssir f'post speċifiku iżda tista' ssir kull fejn dik il-persuna tinstab, anke jekk barra fit-triq (ara ***Victor Bezzina et v. L-Avukat Dr Emanuel Bezzina*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru, 2011; u ***Josette Camilleri v. The Malta Union Club et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Frar, 2022).

33. Min-naħa l-oħra fil-każ ta' notifika indiretta, din titqies illi tgħodd biss jekk il-kopja tal-att ġudizzjarju: (i) titħalla fil-post ta' fejn toqgħod jew taħdem il-persuna li trid tiġi notifikata; u (ii) titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha (ara ***Alessandro Delhin v. Antonio Darmanin*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Novembru, 1927).

34. Imħaddma dawn il-ħtiġijiet speċifiċi li joħorġu minn dan l-artikolu tal-liġi għall-każ tal-lum, jirriżulta mir-riferta maħruġa mill-Marixxall Carmel Gauci fil-31 ta' Mejju, 2022 li Spiridione Muscat ġie notifikat personalment minnu ġewwa l-bini tal-Qorti waqt li kien qiegħed jattendi seduta quddiem Qorti mpoġġija differenti. L-istess marixxall ikkonferma bil-ġurament li huwa kien innotifika lil Muscat kemm bir-rikors maħluf u kif ukoll bl-avviż tas-smigħ u huwa għaraf lill-istess Muscat (paġni 34 u 35 tal-atti proċesswali).

35. Abbażi ta' dan, din il-Qorti ssib li l-argument imressaq mill-appellant li n-notifika tiegħu mhix siewja huwa għalkollox bla ebda fundament legali. In-notifika diretta hija proprju waħda mill-metodi ta' kif persuna tiġi notifikata b'att tal-qorti. Anzi din il-Qorti tasal biex tgħid li hija l-aktar mezz li għandu jserraħ moħħ l-individwu li rċieva l-att huwa nnifsu għaliex b'hekk ikun f'qagħda li ma jiddependix fuq ħaddieħor fis-sens li ħaddieħor

jeħtieġ li jgħaddilu l-att. B'hekk ikun jista' jieħu azzjoni minnufih min-naħa tiegħu. L-argument li ġaladarba f'dan il-każ kienu diġà saru tliet tentattivi għalxejn u kien hemm diġà l-awtorizzazzjoni tal-qorti sabiex il-kumpanija attriċi tmexxi bl-affissjoni u bil-pubblikazzjoni, mela jsegwi li l-kumpanija appellata ma setgħetx terġa' tipprova tinnotifikah personalment mhu msejjes fuq l-ebda provvediment tal-liġi.

36. Mingħajr ebda dubju, huwa meħtieġ li l-artikolu tal-liġi inkwistjoni jsemmi b'mod speċifiku x'irid isir sabiex in-notifika ta' att tkun waħda valida skont il-liġi. Dan huwa bżonnjuż kemm għaċ-ċertezza tad-dritt u biex ma jinħelix ħin u l-proċeduri ma jitwalux għalxejn. Biss però, dan ma jfissirx li għaliex parti tkun ġiet awtorizzata tmexxi għal notifika ta' parti bl-affissjoni u bil-pubblikazzjoni, b'daqshekk ġaladarba ssir taf li l-persuna tista' tiġi notifikata bil-proċedura li solitament tintuża ma tistax tagħmel dan. Wara kollox, huwa fatt magħruf li l-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni ttul aktar u tiswa aktar f'termini ta' ħlasijiet.

37. Sfiq ma' dan, ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2022 li: *«l-**Artikolu 187(1) tal-Kap. 12** jipprovdi li n-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. Huwa minnu li fl-imsemmi provvediment tal-liġi jingħad ukoll li n-notifika tista' ssir ukoll billi l-kopja titħalla fil-post fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol. Iżda din tibqa' għażla u mhux ħtieġa mandatorja, peress li r-*

*regola tibqa' li persuna għandha tiġi notifikata kull fejn tista' tinstab. Għaldaqstant kuntrarjament għal dak li qed jissottometti l-appellant mhux meħtieġ għall-validità tan-notifika li din tiġi eżegwita fir-residenza tiegħu, jew fuq il-post tax-xogħol, kif donnu qed jippretendi f'dan l-aggravju tiegħu. Dan peress li l-liġi stess tipprovdi li minbarra li n-notifika ta' persuna tista' ssir kemm fid-dar residenzjali, kemm fil-post fejn taħdem jew fil-post tax-xogħol tagħha, tikkontempla espressament li persuna tista' tiġi notifikata kull fejn tinstab.»*

38. Fl-aħħar nett, hekk kif imfisser fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Frar, 2024 fil-kawża fl-ismijiet ***Tony Vella v. David Pace***, riferta ta' marixxall huwa dokument uffiċjali li jgawdi mill-preżunzjoni *omnia praesumuntur rite et solemniter esse acta*, li maqlub għall-Malti jfisser li kollox huwa preżunt li sar solennement u kif suppost (ara l-provvediment mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2013 fil-kawża ***Christopher Hall et v. Awtorità tad-Djar et*** u ***Joseph Cassar Aveta v. Citadel Insurance plc*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-28 ta' Marzu, 2007). Rilevanti li sa minn żminijiet antiki kien miżmum li, *«è doversi aggiustar fede agli ufficiali in ciò che si attiene alla esplicazione del proprio ufficio»* (***Alessandro Delhin v. Antonio Darmanin et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Novembru, 1927). Ifisser għalhekk li wieħed irid jagħti fidi lill-uffiċjali ġudizzjarji f'dak li għandu x'jaqsam mat-twettiq tax-xogħol tagħhom (ara ***George Calleja et v. Ignazia Degabriele*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ġunju, 2001; u ***Francis***

***Fenech v. Emanuel sive Leli Fenech et*** maqtugħa minn din il-Qorti fit-13 ta' Marzu, 2025).

39. Jiġi b'hekk li Spiridione Muscat la rnexxilu jipprova li huwa ma ġiex notifikat bl-atti (għalkemm donnu fir-rikors tal-appell ma saħaqx wisq fuq dan il-punt) u wisq anqas m'għandu raġun meta jargumenta li n-notifika lilu f'dan il-każ bilfors kellha ssir bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni.

40. Għaldaqstant l-aggravju se jiġi miċħud għaliex mhux fejjiedi xejn.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell ta' Spiridione Muscat, bl-ispejjeż jinġarru kollha mill-istess Muscat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss